# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

Jonathan Vella

Illum, 5 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra **Jonathan Vella** (I.D. 216882M) imwieled fil-hamsa ta' April tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (5/04/1982) gewwa Malta residenti 39, Catherine Apts, Fl 1, Triq Pace, Sliema, Malta, bl-indirizz tan-negozju Vella Quality Ice Cream, Triq ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema Malta akkuzat talli bhala persuna rregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni b' sorpiza li sehhet fil-**15 ta' Awwissu 2023** gewwa **Vella Quality Ice-Cream**, **Triq ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema, Malta**, int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek, inqast li taghti jew tipproduci rcevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' rcevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat li fis-seduta tal-23 ta' April, 2024 gietipprezentata *letter to prosecute* tal-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana datata 1 ta' Frar, 2024 fil-konfront tal-imputat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Marilyn Schembri Saliba; ta' Rachel Caruana; ta' Amanda Micallef ghal-prosekuzzjoni fis-seduta tal-23 ta' April, 2024; tal-imputat Jonathan Vella fis-seduta tat-23 ta' April, 2024;

Rat li l-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu l-provi taghhom fis-seduta tal-23 ta' April, 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Marilyn Schembri Saliba**, revenue inspector, in rapprezentanza tal-Malta Tax and Customs Administration xehedet fis-seduta tat-23 ta' April, 2024.Ipprezentat l-letter to prosecute fil-konfront ta' Jonathan Vella u maghha annessa registration form.

**Rachel Caruana,** revenue inspector, mal-Malta Tax and Customs Administration stazzjonata l-verification and audit unit department xehedet fis-seduta tat-23 ta' April, 2024. Tixhed li fil-15 ta' Awwissu, 2023 ghamlet spezzjoni fix-xatt Qui-Si-Sana tas-Sliema lis-sur Jonathan Vella, bil-vann Vella Quality Ice-Cream. Huma tkellmu mal-imputat, Jonathan Vella.

L-ispezzjoni saret bejn 03:10 u 03:30 wara nofsinnhar. Tixhed:- "*Hemmhekk rajna tliet bejgh konsekuttivi fejn fi tlett sales ma rajniex ircevuta harget, in-nies telqu hallsu u telqu."* Lil imputat urewh l-identita' taghhom bhala inspectors, talbuh X reading u talbuh johrog tlett ircevuti u harighom fuq it-talba taghhom.

Ix-xhud xehdet fid-dettal dwar it-tlett bejgh li saru. "*Mela l-ewwel ircevuta hija ta' € 18 ghal-4 gelati fejn l-ewwel bejgh kien ta' € 18 fejn is-sinjura halset € 20 cash u is-sinjur taha bqija lura € 2 euros. Rajna t-tieni bejgh ilma zghir € 1.50 u BCRS ta' 10c maghha fejn is-sinjura hallset ezatt u rajna t-tielet bejgh simili ta' ilma €1.50 u BCRS 10c ilma zghir ukoll u inghatat bija ezatt."*

L-X reading inhareg wara li hargu t-tlett ircevuti fiskali fuq talba tal-ispetturi tal-VAT.

In kontro-ezami tirrispondi li ma hadux l-isem tat-tlett persuni li rat jixtru u li hija rat il-flus ghaddejin.

Hija kienet akkumpanjata mal-kollega taghha Amanda Micallef.

**Amanda Micallef**, VAT Inspector, xehdet fis-seduta tat-23 ta' April, 2024. Tikkonferma dak li qalet ix-xhud l-iehor u zzid li huma infurmaw lil imputat li huma spetturi tal-VAT meta wasal it-turn taghhom. tikkonferma r-rapport Dok RC 5 ezebit. In kontro-ezami tirrispondi li qed tixhed mir-rapport imma tiftakar il-vann u tiftakar il-bejgh. L-incevuti harighom dak il-hin stess fuq talba taghhom.

Provi tad-Difiza

**Jonathan Vella**, l-imputat, xehed fis-seduta tat-23 ta' April, 2024. Jixhed li mhux vera l-ircevuti ghaliex ma jistax ikun erba' gelati jiswew € 18 ghax l-ghola gelat li jbiegh huwa ta' € 4 u li l-ircevuti li pprezentaw haduhom minghand il-klijenti. Li raw minghajr ircevuta kien coca li kien taha b' xejn lil habib tieghu.

Ikkunsidrat

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi fil-kaz in ezami z-zewgt spetturi tal-VAT xehedu li huma vizwalment raw lil tlett klijenti jixtru minghand l-imputat, jhallsu, jiehdu l-prodott u ma jinghatax ircevuta fiskali. Huma personalment kienu fil-kju jistennew wara dawn it-tlett klijenti. Jirrizulta ukoll li l-ircevuti fiskali inhargu fuq talba taghhom u mill-ircevuti ezebiti jirrizulta li dawn hargu ftit sekondi wara xulxin. Il-Qorti tirrileva li l-imputat ma kienx kredibbli fix-xhieda tieghu taht gurament, apparti li ma pproduca ebda' xhieda indipendenti li b' xi mod jista' jikkolaborha x-xhieda tieghu. Il-verzjoni tieghu hija inverosimili.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998u l-artikoli 51 u 77(a) u ( e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998

qed issib lil imputat **Jonathan Vella** hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tikkundannah ihallas multa ta' elf ewro (€ 1000)

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**